## 11 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Francesco Buhagiar *versus* Carmela Mifsud et.

**Obligazzjoni — Indiviżibbilità — Kompetenza Art. 1156(2) u 1157 tal-Kodiċi Ċivili**

*L-indiviżibbilità ta' l-eżekuzzjoni ta' obligazzjoni mhix applikabbli fil-konfront ta' l-eredi tad-debitur (salvi l-eċċezzjonijiet speċifikati mill-liġi); u f'dan il-każ l-eredi ma jkunux obligati jħallsu d-dejn ħlief fl-ishma li jmissu lilhom, jew fl-ishma li għalihom huma obligati in rappreżentanza tad-debitur.*

*Għaldaqstant, meta l-kreditu, li jaqbeż l-£10, ikun mitlub kontra diversi persuni li s-sehem ta' kull wieħed minnhom minn dak id-dejn ma jeċċedix l-£10, u ma jirrikorrix xi wieħed mill-każi eċċettwati mill-liġi, u lanqas ma jirriżulta li xi wieħed minnhom ikun assuma, fil-konfront tal-kreditur, li jħallas id-dejn kollu, l-azzjoni tal-kreditur mhix ta' kompetenza tal-Qorti Superjuri.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, billi l-attur kien kreditur ta' Silvestro Mifsud, il-lum mejjet, fis-somma ta' £13.5.0, għall-bilanċ ta' kumpens ta' xogħol magħmul b'inkariku ta' l-istess Silvestro Mifsud, wara l-kompensazzjoni ta' ħames snin qbiela dovuta mill-attur — kollox kif dettaljat fl-anness prospett, dok. "A"; u billi l-konvenuta Carmela Mifsud (bħala komparteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejnha u bejn l-imsemmi Silvestro Mifsud) u l-konvenuti l-oħra (bħala eredi u tfal ta' Silvestro Mifsud) ikkontestaw l-imsemmi kreditu ta' l-attur u rrifjutaw li jħallsu; talab li l-konvenuti, għar-raġunijiet fuq premessi, jiġu kundannati jħallsu lill-attur, bl-imgħax minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni, l-imsemmija somma ta' £13.5.0; u dana fil-kwoti li jiġu stabbiliti minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita inkompetenza;

Illi skond il-prospett fol. 4, il-kreditu ta' l-attur għax-

xogħol li għamel b'inkariku ta' Silvestro Mifsud, il-lum mejjet, jammonta għal £13.5.0. Mhux kontestat li dan ix-xogħol sar fil-ħajja ta' l-imsemmi Silvestro Mifsud, u kwindi jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejnu u l-konvenuta Carmela Mifsud, martu;

Illi, apparti l-kwistjoni sottomessa mill-konvenuti, jekk l-ammont mitlub jikkostitwix kreditu uniku jew tant krediti kemm huma l-prestazzjonijiet elenkati fl-imsemmi prospett fol. 4, huwa prinċipju stabbilit fl-art. 1156(2) tal-Kodiċi Ċivili, illi l-indiviżibilità ta' l-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni mhix applikabbli fil-konfront ta' l-eredi tad-debitur (salvi l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-art. 1157 Kod. ċit.), u f'dan il-każ l-eredi ma jkunux obligati iħallsu d-dejn ħlief fl-ishma li jmissu lilhom, jew fl-ishma li għalihom huma obligati in rappreżentanza tad-debitur. Del resto, dana jirrikonoxxieh l-istess attur, meta talab il-kundanna tal-konvenuti li jħallsu skond il-kwoti li jiġu stabbiliti mill-Qorti;

Illi, fil-każ taħt eżami, ma jidherx li tikkonkorri ebda waħda mill-eċċezzjonijiet introdotti fl-imsemmi art. 1157, u lanqas li xi wieħed jew iżjed mill-konvenut assumew, fil-konfront ta' l-attur, li jħallsu d-dejn kollu in kwistjoni; anzi, skond ma xehed l-istess attur, il-konvenuta aċċettat li tħallas £6 biss; u konsegwentement is-sehem ta' kull wieħed mill-konvenuti mid-dejn in kwistjoni ma jeċċedix l-£10, u l-azzjoni relattiva ma hix ta' kompetenza ta' dina l-Qorti;

Illi f'dana s-sens hija l-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XVIII-II-102);

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement tiddikjara ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti.